**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 056/2017**

**AB ('l-ilmentatur')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Limited***

**(C26761) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tas-27 ta' Mejju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentatur jghid li f'Lulju 2013, kien ikkuntattja lil *Crystal Finance Investments Ltd.* sabiex jistharreg dwar l-opportunità li jinvesti maghhom xi flus li kien faddal.

Izid li wara xi laqghat, huma ssuggerewlu jinvesti f'xi *bonds* partikolari li kienu qeghdin joffru. Jghid li kienet l-ewwel darba li nvesta flusu b'dan il-mod u l-offerta kienet tidher li thajrek peress li ma kienx jidher li kien ser ikun espost ghal riskju ta' telf meta r-*returns* kienu bil-5.25% p.a.

Huwa accetta billi iffirma fejn qalulu u nvesta s-somma ta' €5,000, liema somma giet maqsuma f'fondi differenti.

Jghid li kien icempel lil *Crystal* ta' spiss biex jiccekkja kif inhu sejjer l-investiment; u wara ftit taz-zmien sar jaf li wahda mill-kumpaniji li fihom kellu investiment ta' €2,000, *Scholz AG*, kienet sejra hazin u kienet ghaddejja minn process ta' ristrutturazzjoni *(restructuring*). Jghid li kkuntattja lil *Crystal* u staqsihom jekk kienx possibbli u ahjar li jingibed l-investiment minn din il-kumpanija izda huma ssuggerewlu li kien ahjar li jinzamm fejn kien ghal dak iz-zmien.

L-ilmentatur isostni li f'Settembru 2016, jircievi *cheque* ta' €203.70 bhala pagament finali minghand *Crystal* ghal dan l-investiment. Jilmenta li hassu aggravat peress li sofra telf u, ghaldaqstant, talab spjegazzjoni ulterjuri lil *Crystal*

permezz ta' ittra datata 1 ta' Novembru 2016, li ghaliha wiegbu *Crystal* b'ittra ohra datata 28 ta' Novembru 2016. Jghid li c-*cheque* ma sarrfux u rega' baghtu lura lil *Crystal Finance* permezz ta' ittra datata 17 ta' Marzu 2017.

Jilmenta li fir-risposta taghhom u d-dokumenti li annettew, pingewh bhala klijent li kellu '*high risk attitude towards risk'*, haga li hu ma jaqbilx maghha u jghid li qatt ma kien semaghha qabel. Jghid ukoll li kien ghamilha cara li din kienet l-ewwel darba li kien investa b'dak il-mod u li, ghalhekk, ma kellux jitqies bhala li ghandu xi esperjenza f'dan il-qasam.

Jghid li t-telf li garrab seta' gie evitat jew tal-anqas imnaqqas billi fl-ewwel lok, ma kellhomx jinvestulu f'kumpanija li kienet ghaddejja minn tali process u telf ta' kapital, u fit-tieni lok billi kellhom jindunaw bl-aggravar tal-problemi u b'hekk jinhareg l-investiment minn qabel.

L-ilmentatur qieghed jitlob kumpens adekwat minhabba l-imgiba jew in-nuqqasijiet tal-provditur tas-servizzi finanzjarji, *Crystal Finance Investments Ltd.,* f'dan l-investiment partikolari, fis-somma ragonevoli u fil-parametri stabbiliti mill-Arbitru.

**Ra r-risposta** tal-provditur tas-servizz li tghid:

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-"Arbitru") m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreements* (annessi u mmarkati bhala '*Dok CFI1'*) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts,*' u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment.

2. Illi preliminarjament ukoll u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, is-Socjetà Esponenti teccepixxi in-nullità tal-Ilment *ai termini* tal-Artikolu 789(1)( c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu iffaccjata bl-Ilment kif gie redatt, is-Socjetà Esponenti ma tistax tressaq difiza adegwata billi mill-istess Ilment ma jirrizultax/jirrizultawx in-nuqqas/ijiet tas-Socjetà Esponenti li jaghtu lok ghall-Ilment u

kwalunkwe dritt pretiz minnu. Fic-cirkostanzi ma huwiex possibbli li s-Socjetà Esponenti taghraf il-bazi tal-istess Ilment (u allura l-eccezzjoni u sussegwentement il-prova li trid tressaq) biex tiddefendi lilha nfisha adegwatament kif hu dritt indisputibbli taghha u xi provi tressaq biex ixxejjen il-pretensjoni ghad-danni allegati li fi kwalunkwe kaz huma r-rizultat ta' fatturi totalment estranei ghas-Socjetà Esponenti.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilment huwa mimli inezattezzi b'sensiela ta' allegazzjonijiet bla bazi u inveritieri sabiex jinsgu storja artificjali tar-rapport bejn l-investitur Ilmentatur u s-Socjetà Esponenti kif se jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz.

5. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

6. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, mhuwiex car fuq xiex l-Ilmentatur qieghed jibbaza l-Ilment tieghu hlief li garrab telf fuq l-investiment li bhala fatt ma jaghtix lok ghal ilment validu meta l-Ilmentatur stess jghid illi "*ma kienx jidher li kont ha nkun espost ghal riskji ta' telf; in fatti, ir-returns kienu bil-5.25% p.a. …*". Filwaqt illi s-Socjetà Esponenti taghmilha cara illi dejjem kienet infurmat lill-klijent b'kull investiment u proposta u kien il-klijent ilmentatur li iddecieda jinvesti flusu f'investimenti mas-Socjetà Esponenti minghajr ebda perswazjoni, kif ukoll li l-klijent ilmentatur ried imghax gholi allavolja gie spjegat li dan ifisser riskju oghla. Is-Socjetà Esponenti ma taqbel assolutament xejn mal-allegazzjonijiet maghmula f'dan l-Ilment. Fil-fatt, johrog car mill-Ilment illi l-Ilmentatur kien konxju sew ta' kull caqliq li sar fil-portafoll u accetta r-riskji involuti bil-miktub wara li dawn gew spjegati lilu;

7. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

a) Illi d-dannu jew telf li garrab l-Ilmentatur, jekk sehh, sehh totalment bhala rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom assolutament ma kellhom jew ma seta' jkollhom l-ebda kontroll is-Socjetà Esponenti. Ghalhekk kwalunkwe telf li garrab l-ilmentatur fuq wiehed mill-*bonds* ta' ***Euro High Yield Bond Portfolio – 10.07.2017, 5.25% p.a. (BP180) – Scholz AG 8.5% 2017,*** huwa rizultat ta' *Market* u *Credit Risk*, riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju (u dan kif gie spjegat lill-Ilmentatur mir-rapprezentanti tas-socjetà konvenuta, kif ukoll miktub fid-dokumenti provduti lill-Ilmentatur liema dokumenti hu stess kien iffirma, inkluz ir-*ratings* ta' kull *bond*, *vide* '***Dok CFI2***'*)*, u kif ukoll spjegat lilu fil-korrispondenza qabel dan l-Ilment), u liema *bonds* **inkluzi fil-portafoll** kienu, fil-hin meta nghata l-parir, jghoddu jew *suitable* ghalih, dejjem kienu maghzula *bonds* li ma jaqghux taht il-kategorija ta' '*complex instruments'* u tul ir-relazzjoni kollha bejn il-partijiet li bdiet fis-sena 2013, qatt u fl-ebda mument ma kien hemm investiment mhux skont kif tirrikjedi s-sengha u l-arti u mhux b'konformità mal-istruzzjonijiet tal-Ilmentatur stess. Is-Socjetà Esponenti taqbel mal-asserzjoni tal-klijent li fil-mument li fih inghata l-parir ma kien hemm xejn x'juri li l-*bond* li dwaru qed isir l-Ilment kien suggett ghal riskju akbar minn dak li kien indikat fil-prezz li bih inxtara.

b) L-Ilmentatur ikkonferma fil-*"Client Fact Find (CCF)"* li kien digà investa f'*bonds* u investimenti tal-istess tip qabel ma dahal ghal dan l-investiment li qed jilmenta fuqu. Ukoll l-Ilmentatur iffirma fejn l-ghazla ta' "*high risk profile*" kemm f'zewg *CCFs* u anke fil-formola biex jinxtara l-investiment, jigifieri bejn is-sena 2013 u s-sena 2016 ikkonferma dan tliet darbiet.

c) L-investiment (BP180) madwar l-ilment kien maghmul minn portafoll ta' *bonds* li jaqghu taht il-kategorija ta' "*non-complex*", jigifieri dawn mhumiex investimenti li huma ikkomplikati biex tifhimhom jew hemm il-bzonn ta' esperjenza estensiva bhal fil-kaz ta' investimenti kumplessi biex wiehed ikun jista' jinvesti fihom.

d) Ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

e) Is-Socjetà Esponenti dejjem imxiet mal-obbligi taghha, skont kif tirrikjedi l-ligi u anke bosta regolamenti taht il-*MiFID* (*The Markets in Financial Instruments Directive*) minghajr ebda preferenza lejn xi tip jew grupp ta' klijenti fuq iehor.

f) Is-servizz li ghazel l-Ilmentatur kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-Ilmentatur (*advisory service*), u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tas-Socjetà Esponenti (*discretionary service*) fejn l-ghazla taqa' biss f'idejn is-Socjetà minghajr konsultazzjoni mal-Ilmentatur. Dan isostni illi l-Ilmentatur dejjem kien mgharraf u ppartecipa f'kull decizjoni u kien dejjem aggornat kemm f'diversi laqghat u anke permezz ta' korrispondenza li ntbaghtet lilu regolari.

g) L-obbligi ta' *Crystal* skont il-ligi u skont il-ftehim mal-klijent tat-*Terms of Business* huwa li tibghat *statement* kull sitt xhur b'valutazzjoni korretta u li tinforma lill-klijent dwar xi *default* jew *corporate actions* li jista' jkun hemm fuq il-*bond* investit. Ma hemmx obbligi li jinforma lill-klijent bit-tibdil fil-prezz ghax dan huwa process kontinwu u, anke jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fil-prezz, mhux dejjem ikun car ghaliex dan gara u jehtieg iz-zmien biex issir ir-ricerka halli *Crystal* tifforma opinjoni dwar jekk il-prezz waqax hafna b'mod li wiehed ahjar jistenna jew fadallux aktar x'jaqa' u, allura, wiehed ahjar jillikwida. *Bonds* ta' kumpaniji (*corporate bonds),* huma aktar suggettibbli ghal tibdil fil-prezz minhabba diceriji mhux ippruvati u spekulazzjoni minn *vulture investors.*

h) Il-klijent u l-Arbitru ma ghandhomx jippretendu li *Crystal* taghti servizz oltre minn dak miftiehem u minn dak li tipprovdi l-ligi. Is-servizz li ghazel l-Ilmentatur kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-Ilmentatur (*advisory service*), u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tas-Socjetà Esponenti (*discretionary service*) fejn l-ghazla taqa' biss f'idejn is-Socjetà minghajr

konsultazzjoni mal-Ilmentatur. Servizz ta' *discretionary management* jitlob *fees* akbar u rapportagg aktar frekwenti minn servizz ta' *advisory service* li ghazel il-klijent. Illi fl-ahhar nett, jinghad li s-Socjetà Esponenti ma thossx illi hemm rimedju ghall-Ilment kif imressaq mill-Ilmentatur peress illi l-Ilment m'huwiex gustifikat.

8. Niccaraw ukoll izda li l-ftehim tat-*Terms of Business* li jezisti bejn l-Ilmentatur u s-Socjetà Esponenti jipprovdi li kull *tilwim ghandu jigi deciz* fil-Qorti Civili u, ghalhekk, kull decizjoni tal-Arbitru tista' tigi appellata fil-Qorti. Dan biex ma jinkorrux spejjez bla htiega il-partijiet.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

L-ewwel eccezzjoni tirrigwarda l-gurisdizzjoni tal-Arbitru. Il-provditur tas-servizz jghid li l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni a bazi tal-Art. 17 tat-*Terms of Business Agreement*,[1]ipprezentat mill-provditur tas-servizz ghaliex skont hu dan il-kaz tista' tiddecidih biss il-Qorti ta' Malta.

L-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni peress li:

i. Meta sar dan il-kuntratt ma kienx ghadu twaqqaf l-Ufficcju tal-Arbitru u, ghalhekk, il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskluduh;

ii. Ghaliex ukoll il-klawsola 17 tat-*Terms of Business Agreement* normalment tintuza f'kuntest internazzjonali fejn trid issir ghazla bejn il-ligijiet diversi li japplikaw ghall-kuntratt u wkoll liema qorti jkollha gurisdizzjoni.

[1] *A fol.* 34 *et seq*

Dan gie kkonfermat u elaborat f' decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, fosthom, f'dik fl-ismijiet ***Theresa Camilleri vs Crystal Finance Investments Ltd*. deciza fil-5 ta' Novembru 2018,** fejn il-Qorti qalet illi:

*''L-Artikolu 21(1)(a) hu ntiz ghall-konsumatur fis-sens li l-ghazla hi tieghu fejn ghandu jfittex ghal rimedju fir-rigward ta' ilment relatat mal-imgiba ta' provditur ta' servizz finanzjarju".*

Il-Qorti ziedet ukoll:

*"Il-kuntratt li ffirmaw il-partijiet hu tat-tip standard form fejn il-konsumatur ikun f'pozizzjoni ta' take it or leave it ghaliex ma jkollux bargaining power. Ghall-qorti meta fil-11 t'April il-partijiet iffirmaw il-kuntratt, klawsola 17 ma kinetx taghmel sens meta tqis li:*

*i. Fil-ftehim li sar ma kienx hemm xi element internazzjonali bejn il-partijiet. Choice of Jurisdiction Clause normalment issir sabiex kwistjoni tinqata' minn qorti ta' pajjiz maghzul u mhux minn qorti f'pajjiz iehor;*

*ii. Fi zmien li kien iffirmat il-kuntratt, il-qrati kienu l-uniku post fejn parti setghet tfittex ghal rimedju kontra l-parti l-ohra minghajr htiega tal-kunsens tal-parti l-ohra. F'dak iz-zmien l-Att dwar L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ma kienx ligi ... Ghalhekk zgur li f'dak iz-zmien il-partijiet ma setax kellhom l-intenzjoni li jeskludu r-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur, galadarba kien rimedju li ma jezistix ...".*

Il-Qorti ikkonkludiet:

*"Il-Qorti hi tal-fehma li hemm cirkostanzi specjali li xorta jwassluha sabiex tiskarta klawsola 17 tal-kuntratt minhabba li m'hemmx dubju li fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt hadd minnhom ma seta' kien qieghed jipprevedi l-introduzzjoni tal-Kap. 555. Ir-rimedju li jaghti l-Kap. 555 lill-konsumatur huwa wiehed ad hoc bil-ghan li jissimplifika l-access tal-konsumatur tas-servizzi finanzjarji ghall-rimedju kontra l-provditur tas-servizz. Rimedju li ma kienx jezisti fiz-zmien li l-partijiet iffirmaw il-kuntratt u li ghalhekk l-appellata qatt ma setghet irrinunzjat ghalih".*

Dan kollu gie kkonfermat f'decizjonijiet ohra tal-Qorti tal-Appell kontra l-istess provditur tas-servizz fuq eccezzjoni identika, fosthom, dik ricenti fl-ismijiet: ***Mary Anne Vella vs Crystal Finance Investments Ltd.*** **tal-11 ta' Frar 2019.**

Finalment, fl-ittra li kiteb il-provditur tas-servizz lill-ilmentatur fit-28 ta' Novembru 2016,[2] qallu li jista' jfittex rimedju quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji u, ghalhekk, irrikonoxxa u ssottometta ruhu ghall-gurisidizzjoni tieghu.

L-Arbitru jaghmel tieghu dawn il-motivi espressi mill-Qorti tal-Appell u ghar-ragunijiet moghtija qed jichad din l-eccezzjoni.

***Nullità***

It-tieni eccezzjoni dwar nullità *o meno* tal-ilment hija wahda fiergha peress li, kif deciz mill-Arbitru f'diversi decizjonijiet li kien involut fihom l-istess provditur tas-servizz, l-Arbitru mhuwiex marbut bil-Kodici tal-Procedura Civili hlief ghal referenzi specifici li jsemmihom il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-procedura tal-Arbitru hija regolata bil-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta li ma tikkontempla l-ebda nullità anzi tinsisti li l-proceduri quddiem l-Arbitru huma informali u l-Arbitru jrid jiddeciedi skont il-mertu tal-kaz. Mhux minnu li l-provditur tas-servizz gie b'xi mod pregudikat mill-mod kif inkiteb l-ilment, tant li ghamel risposta estensiva.

L-ilment kif miktub huwa konformi mal-htigijiet tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, senjalatament l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu ma jikkontempla l-ebda nullità u, ghalhekk, in-nullità la jistghu joholquha l-partijiet u lanqas l-Arbitru galadarba mhix kontemplata mil-ligi. Ghalhekk l-ilment m'hemm xejn null fih.

Barra minn hekk, l-Arbitru jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell[3] f'kaz iehor kontra l-istess provditur tas-servizz fejn din il-Qorti qablet mal-Arbitru li din l-eccezzjoni hija fiergha.

Ghalhekk l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni.

---

[2] *A fol.* 11 *et seq*

[3] ***Carmel Bartolo et Vs Crystal Finance Investments Ltd. tal-5 ta' Novembru 2018***

## FIL-MERTU

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust,ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[4]**

### *Il-Verzjoni tal-Ilmentatur*

L-ilmentatur stqarr li f'Lulju 2013 hu kien ghamel kuntatt mal-provditur tas-servizz sabiex jistharreg dwar l-opportunità li jinvesti xi flus li kien faddal. Gie suggerit lilu li jinvesti f'*bonds* li kienu qed jigu offruti dak iz-zmien u li kien ser jircievi bil-5.25% fis-sena; ra li din *"l-offerta kienet tidher invitanti peress li ma kienx jidher li kont ha nkun espost ghal riskji ta' telf."*[5]

Hu accetta billi iffirma d-dokumenti indikati lilu u, eventwalment, investa s-somma ta' €5,000.

L-ilmentatur indika li din kienet l-ewwel darba tieghu li kien ser jinvesti flusu b'dan il-mod u kien ghalhekk ta' spiss icempel lill-provditur tas-servizz sabiex jiccekkja kif inhu sejjer l-investiment tieghu.

Ftit taz-zmien wara, l-ilmentatur sar jaf li, *Scholz AG*, wahda mill-kumpaniji li fiha kellu investiment ta' €2,000, kienet sejra hazin u ghaddejja minn process ta' ristrutturar. Eventwalment, hu ikkuntattja lill-provditur tas-servizz u *"… staqsejt jekk huwiex possibbli, u ahjar, li jingibed l-investiment minn dik il-kumpanija izda huma ssuggerew li kien ahjar jinzamm fejn kien ghal dak iz-zmien."*[6]

Izda, sussegwentement, hu rcieva minghand il-provditur tas-servizz, cekk ta' €203.70 bhala pagament finali ghal dan l-investiment. Minhabba li l-ilmentatur hass ruhu aggravat b'dan it-telf soffrut, hu rega' irritorna lura dan l-istess cekk lill-provditur tas-servizz.

L-ilmentatur sahaq li hu ma jaqbilx mal-fatt li l-provditur tas-servizz pingieh bhala li kellu *high risk attitude towards risk*, u dan minhabba l-fatt li hu lanqas qatt ma kien sema' b'dan il-fattur qabel. Hu tenna li kien ghamilha cara li dan kien l-ewwel investiment tieghu b'dan il-mod, u, ghalhekk, ma jitqiesx li ghandu l-esperjenza f'dan il-qasam.

---

[4] Kap. 555, Art. 19 (3)(b)

[5] *A fol.* 6

[6] *Ibid.*

L-ilmentatur ihoss li t-telf li hu garrab seta' kien evitat jew tal-inqas imnaqqas, billi ma kellux isir investiment f'kumpanija li kienet ghaddejja minn process ta' ristrutturar, filwaqt li l-provditur tas-servizz kellu jinduna bl-aggravar tal-problemi u b'hekk jinhareg l-investiment minn qabel.

Ghaldaqstant, l-ilmentatur qed jitlob kumpens adekwat minhabba l-imgiba jew in-nuqqasijiet tal-provditur tas-servizz f'dan l-investimenti partikolari.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

Primarjament, il-provditur tas-servizz indika li m'huwiex car fuq xiex l-ilmentatur qieghed jibbaza l-ilment tieghu hlief li garrab telf fuq l-investiment li bhala fatt ma jaghtix lok ghal ilment validu, dan meta kien hu stess li qal li ma kienx jidher li ha jkun espost ghal riskji ta' telf bir-*returns* ta' 5.25% fis-sena. Barra minn hekk, kien l-ilmentatur li ddecieda li jinvesti flusu f'investimenti mal-istess provditur minghajr ebda perswazjoni kif ukoll kien hu stess li ried imghax gholi allavolja gie spjegat lilu li dan ifisser riskju oghla.

Il-provditur tas-servizz qed jichad l-ilment imressaq a bazi tal-fatt li d-dannu jew telf li garrab l-ilmentatur, jekk sehh, huwa rizultat ta' cirkostanzi, avvenimenti u interventi ta' terzi li fuqhom il-provditur ma kellu l-ebda kontroll u, ghalhekk, huwa rizultat ta' *Market* u *Credit Risk*, riskju inerenti ta' kull investiment finanzjarju. Il-provditur tas-servizz sahaq ukoll li l-*bonds* inkluzi fil-portafoll mibjugh lill-ilmentatur kienu, fil-hin meta nghata l-parir, jghoddu jew *suitable* ghall-ilmentatur, u tul ir-relazzjoni bejn l-ilmentatur u l-provditur, liema relazzjoni bdiet fl-2013, qatt ma kien hemm investiment mhux skont kif titlob is-sengha u mhux b'konformità mal-istruzzjonijiet tal-ilmentatur innifsu.

Barra minn hekk, fil-mument li fih nghata l-parir ma kien hemm xejn x'juri li l-*bond* li dwaru qed isir l-ilment kien suggett ghal riskju akbar minn dak li kien indikat fil-prezz li bih inxtara.

Il-provditur tas-servizz indika ukoll li kien l-ilmentatur innifsu li fil-*Client Fact Find* ikkonferma li kien digà investa f'*bonds* u investimenti tal-istess tip qabel ma dahal ghall-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment, u dan filwaqt li kien hu stess li iffirma hdejn l-ghazla ta' *high risk profile*, kemm fiz-zewg *Client Fact Finds* kif ukoll fil-formola biex jinxtara dan l-investiment.

Il-provditur tas-servizz sahaq li ma tezisti, u lanqas ma nghatat ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak ilmentat jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura, ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu.

Il-provditur tas-servizz jinsisti wkoll li l-ilmentatur ghazel servizz li kien wiehed ta' parir u ghazla f'idejn l-ilmentatur, jigifieri *advisory service*, u mhux f'idejn id-diskrezzjoni tal-provditur tas-servizz – *discretionary service*, fejn l-ghazla taqa' biss f'idejn l-istess provditur minghajr konsultazzjoni mal-ilmentatur.

Fuq kollox, il-provditur tas-servizz indika li m'hemmx obbligi li jinforma lill-klijent bit-tibdil fil-prezz ghax dan huwa process kontinwu u, anke jekk ikun hemm tibdil sostanzjali fil-prezz, mhux dejjem ikun car ghaliex dan gara u jehtieg iz-zmien biex issir ir-ricerka halli tigi iffurmata opinjoni dwar jekk il-prezz waqax hafna b'mod li wiehed ahjar jistenna jew fadallux aktar x'jaqa' u, allura, wiehed ahjar jillikwida.

**Konsiderazzjonijiet Ohra u Analizi**

***Ir-Relazzjoni tal-Ilmentatur mal-Provditur tas-Servizz***

Ir-relazzjoni tal-ilmentatur mal-provditur tas-servizz bdiet fis-sena 2013, proprju meta sar l-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment. Dan ifisser li l-*BP 180* kien l-ewwel investiment li l-ilmentatur kien ghamel mal-provditur tas-servizz. Kif stqarr l-ilmentatur innifsu, kien hu li ghamel kuntatt mal-provditur sabiex jistharreg dwar l-opportunità li jinvesti xi flus li kien faddal.

Dak iz-zmien, gie komplut *Confidential Client Fact-Find for the Suitability Test*[7] datat 11 ta' Lulju 2013, li jindika l-ammont li l-ilmentatur originarjament investa mal-provditur tas-servizz.

Il-*Client Fact Find* jindika li l-ilmentatur gie Kklassifikat bhala *Retail Client* filwaqt li s-servizz moghti lilu mill-provditur tas-servizz kien dak ta' *Investment Advice.* Huwa indikat li l-ghan tal-investiment wara l-investiment offrut lilu kien dak ta' dhul – *"What is the purpose of the investment – Income",*[8] filwaqt li ried jinvesti

[7] *A fol.* 137
[8] *A fol.* 140

ghal terminu medju. Barra minn hekk, l-"*investor's attitude towards risk*"[9] giet ikkategorizzata bhala *High*.

L-istess *Fact Find* jindika ukoll li bhala assi, apparti l-ammont ta' depoziti bankarji u d-dar residenzjali tieghu, l-ilmentatur kellu s-somma ta' €50,000 investita fi strumenti finanzjarji ohra. Fil-fatt, gie indikat[10] ukoll li l-ilmentatur kien familjari ma' *shares* u *bonds* filwaqt li s-servizz li hu kien ukoll familjari mieghu kien dak ta' *Investment Advice.*

Tul ir-relazzjoni tieghu mal-provditur tas-servizz, sar *review* ta' dan il-*Client Fact Find*, f'Awwissu 2016,[11] fejn dan tal-ahhar jindika li, apparti d-dhul, l-ghan tal-ilmentatur kien ukoll it-tkabbir kapitali waqt li xtaq jinvesti fit-tul, bl-attitudni tar-riskju tieghu tibqa' kklassifikata *High*.

***L-Investiment li dwaru qed jitressaq dan l-Ilment***

L-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment huwa ***BP 180 5.25% EUR Bond Portfolio 10th July 2017 II***, portafoll ikkreat internament mill-provditur tas-servizz. Il-*BP 180* kien jikkonsisti f'dan li gej:

- ***8.5% Scholz AG – 08.03.2017 (SME)***
  - Valor 14964216
- ***7% FIAT Finance & Trade Ltd SA – 23.03.2017***
  - Valor 18238776
- ***4.375% Republic of Hungary – 04.07.2017***
  - Valor 2900969
- ***5.5% Zagrebacki Holding – 10.07.2017***
  - Valor 3246803

[9] *Ibid.*
[10] *A fol.* 139
[11] *A fol.* 143

L-ammont investit f'dan il-*bond portfolio* kien jinqasam fi proporzjon ta' 40%, 40%, 10% u 10% rispettivament f'kull *bond* sottostanti. Il-*bonds* li jiffurmaw il-*BP 180* huma kollha *bonds non-investment grade* u ta' natura spekulattiva.

Il-*BP 180* gie mibjugh lill-ilmentatur f'Lulju 2013 u giet investita s-somma ta' €5,000.

**Kif digà ntqal, dan kien l-ewwel investiment li l-ilmentatur ghamel mal-provditur tas-servizz u, ghaldaqstant, dawn kienu flus li l-ilmentatur kellu fil-kont ta' tfaddil tieghu.**

Il-problemi li gew iffaccjati minn dan il-portafoll kienu kawza tax-*Scholz*, wahda mill-*bonds* sottostanti ta' dan il-portafoll.

L-andament tax-*Scholz* ma kienx wiehed pozittiv. Permezz ta' notifika[12] datata 8 ta' Marzu 2016, l-ilmentatur gie infurmat mill-provditur tas-servizz li, wara li l-qorti kummercjali fi Vjenna approvat li l-kupun dovut fit-8 ta' Marzu 2016 jigi differit sal-31 ta' Mejju 2016, gie deciz li l-parti investita fix-*Scholz* tigi izolata f'pozizzjoni diretta fuq il-kont tieghu stess.

Dan gie rifless kemm fil-lista tal-investimenti[13] pprovduta kif ukoll minn *Confirmation of Purchase*[14] fir-rigward tax-*Scholz* biss li turi l-ammont nominali ta' 1,972.310 ghall-prezz ta' 101.40% ghall kull *unit.*

Giet mahruga ukoll *Confirmation of Sale*[15] li turi l-bejgh tal-*BP 180* ghall-ammont totali investit ta' €5,000.

Wara dan il-bejgh, u wara li x-*Scholz* inharget f'pozizzjoni separata, il-kumplament tal-portafoll gie imsejjah *BP 180*.1 u giet mahruga *Confirmation of Purchase*[16] li tirrifletti dan. Il-*BP 180*.1 kien jikkonsisti fi tlett *bonds* sottostanti u l-ammont investit kien ta' €3,000.

L-ilmentatur indika li:

---

[12] *A fol.* 160
[13] *A fol.* 169
[14] *A fol.* 167
[15] *A fol.* 165
[16] *A fol.* 166

*"Ghall-ewwel sentejn, ircevejt l-imghax kif miftiehem. Mit-tielet sena kien hemm diskrepanzi ... Fuq l-ewwel tliet kumpaniji ircevejt l-imghax, kif suppost, u fuq l-ohra kien hemm in-nieqes jew ma kien hemm xejn. Meta cempilt biex niccekkja x'gara tkellimt ma' Michelle Stanmore, qaltli li kien hemm daqsxejn inkwiet fuq dik il-kumpanija u qaltli biex nistennew ftit. Ghaddew xi erba' xhur u jien ergajt ikkuntattjajtha biex nara x'inhu jigri. Hi qaltli li fuq dik il-kumpanija kien hemm restructuring. Qaltli issa naraw min se jixtriha ghax nistghu nitilfu kollox jew nigu ahjar milli ahna. Imbaghad, il-kumpaniji l-kbar li ma kellhomx problemi, infirdu mix-Scholz u gew separati."*[17]

Dan ifisser li l-ilmentatur ircieva kupun inqas minghajr ma kien ghadu gie infurmat bl-andament negattiv tax-*Scholz*. Tajjeb li jinghad li, ghalkemm in-notifika li saret referenza ghaliha aktar kmieni dwar dan l-istess andament hija datata Marzu 2016, din ma gietx mibghuta lill-ilmentatur f'dak il-perjodu. Dan ghaliex l-ilmentatur induna bl-ammont nieqes li huwa rcieva f'Lulju tal-istess sena peress li skont dak indikat fit-*Term Sheet,*[18] il-kupun fuq dan il-portafoll kien jithallas fl-10 ta' Lulju ta' kull sena.

A bazi tad-dokumenti pprovduti, f'Settembru 2016, l-ilmentatur ircieva cekk[19] bis-somma ta' €203.70 bhala *full and final settlement* tax-*Scholz*, izda liema cekk rega' gie rritornat lill-istess provditur permezz ta' ittra[20] datata l-1 ta' Novembru 2016, fejn l-ilmentatur esprima ukoll it-thassib tieghu ghall-mod ta' kif sehhew l-affarijiet u l-eventwali telf li hu garrab.

## Konsiderazzjonijiet Finali u Konkluzjoni

Il-punt krucjali mressaq f'dan l-ilment jittratta l-fatt li l-provditur tas-servizz pinga lill-ilmentatur bhala li kellu xi *high risk attitude towards risk*, xi haga li hu qatt ma sema' biha qabel u li ma jaqbilx maghha. L-ilmentatur indika bic-car li hu ma jhossx li ghandu jitqies li ghandu xi esperjenza f'dan il-qasam, u kien anke ghamilha cara li din kienet l-ewwel darba tieghu li kien ser jinvesti b'dan il-mod.

[17] *A fol.* 65
[18] *A fol.* 153
[19] *A fol.* 168
[20] *A fol.* 10

Dan hu fattur krucjali li l-ilmentatur enfasizza bic-car diversi drabi u kien proprju ghalhekk li evidentement hu agixxa fuq il-parir tar-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz:

*"Ghidtilha li kelli €5,000 u li xtaqt ninvestihom. Tlabt il-parir taghha ghax jiena esperjenza fl-investimenti qatt ma kelli. Kienet l-ewwel darba tieghi li ser ninvesti u ssuggerietli dan il-pakkett jew dan l-investiment."*[21]

Izda, minkejja din in-nuqqas ta' esperjenza, l-ilmentatur xorta wahda gie kklassifikat bhala *High Risk*, xi haga li l-ilmentatur lanqas biss kien konxju taghha:

*"Jien lili fl-ebda hin ma qaluli, ta' Crystal Finance, li qed nigi klassifikat bhala high risk. Jien nghid li dejjem qghadt fuq il-parir li tatni Michelle Stanmore."*[22]

Hawn ghalhekk tqum il-mistoqsija ghar-ragunijiet ta' x'wassal li l-ilmentatur jigi kklassifikat b'dan il-mod. Ir-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz indikat li minkejja li bniedem ma jkun qatt investa f'*bonds* li huma *high risk*, ma jfissirx li dan m'ghandux jitqies bhala *high risk*, u dan ghaliex jista' jkun li l-ammont li l-investitur ikun ser jinvesti jkunu mwarrbin u, ghalhekk, jista' jirriskja naqra.

Kienet hi stess ukoll li ikkonfermat li:

*"Jien jidhirli li kien jiflah ikun high risk."*[23]

Kuntrarjament ghal dak li sahqet ir-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz, certament li ma kienx fl-ahjar interess tal-ilmentatur li, ghax sempliciment il-flus li hu kien ser jinvesti kienu mwarrbin, setghet tesponih ghal riskju li hu ma kienx necessarjament lest li jiehu, jew iktar minn hekk, riskju li hu ma kienx jiflah ghalih.

Hawn ta' min jaghti partikolarment attenzjoni ghall-kontenut tal-*Client Fact Find*. Kif digà intqal, l-istess *Fact Find* jindika li apparti d-dar residenzjali tieghu, l-ilmentatur kellu s-somma ta' €50,000 f'investimenti ohrajn, kif ukoll kellu s-somma ta' €50,000 f'depoziti bankarji. Dan minbarra l-fatt li gie indikat li l-ilmentatur kien familjari ma' *shares* u *bonds,* kif ukoll ma' *investment advice.*

[21] *A fol.* 64
[22] *A fol.* 66
[23] *A fol.* 173

Izda, in vista tal-fatt li l-ilmentatur tenna ghal diversi drabi li dan kien l-ewwel investiment tieghu, hu cahad il-kontenut tal-*Client Fact Find*, meta qal:

*"Jiena nghid li dak li hemm fil-Fact Find a fol. 139, fejn jghid li kelli dawn l-investimenti kollha, jien nghid li qatt ma kelli dawn l-investimenti."*[24]

Minkejja dan, meta mistoqsija mill-Arbitru, ir-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz xorta wahda kompliet tikkonferma l-kontenut tal-*Client Fact Find*. Rizultat ta' dan, permezz tal-poteri li ghandu l-Arbitru bil-Kap. 555*,* investiga dan l-aspett billi talab lill-*Bank of Valletta p.l.c., HSBC, APS Bank* u l-Borza ta' Malta*,* sabiex dawn jaghtu rendikont tal-investimenti tal-ilmentatur bejn is-sena 2008 u s-sena 2014.

Skont kif mitlub, dawn l-entitajiet ipprezentaw l-informazzjoni relattiva li tindika xi tranzazzjoni ta' investiment li l-ilmentatur kien ghamel, *li izda importanti ta' min isemmi li dawn it-tranzazzjonijiet kollha sehhew wara l-investiment li l-ilmentatur kien ghamel mal-provditur tas-servizz.*

Sussegwentement, l-ilmentatur ipprezenta ukoll dokumentazzjoni[25] li tindika kif sehhew dawn l-istess tranzazzjonijiet, b'attenzjoni partikolari lejn id-dati ta' meta dawn sehhew, li prattikament tikkonferma dak li hu kontinwament tenna – li ma kellu l-ebda investiment iehor qabel dak ilmentat.

Dan, ghalhekk, ifisser li minkejja li l-ilmentatur cahad il-korrettezza tal-kontenut tal-*Client Fact Find,* meta mitluba mill-Arbitru, ir-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz kompliet tikkonferma dak li kien hemm fil-*Fact Find* li, ghalhekk, huwa evidenti li l-parir tal-investiment gie moghti lill-ilmentatur a bazi ta' informazzjoni zbaljata li giet riflessa f'dan id-dokument.

L-ilmentatur gie ikkunsidrat li ghandu *high risk profile* meta dan lanqas biss qatt kellu investimenti ohrajn qabel. Ghaldaqstant, certament li ma kellux jigi offrut *bond portfolio* li jikkonsisti f'*bonds* sottostanti li huma kollha *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva li jilhqu anke r-rata tal-imghax ta' 8.5%.

Minkejja li, hekk kif anke ikkonferma l-ilmentatur innifsu, kien intqal lilu l-ismijiet tal-kumpaniji fejn flusu kienu ser jigu investiti, dejjem giet biss ikkunsidrata r-rata ta' 5.25%, jigifieri r-rata li l-investituri f'dan il-portafoll kienu intitolati li

---

[24] *A fol.* 171

[25] *A fol.* 187 *et seq*

jircievu, u mhux ir-rata tal-*bonds* sottostanti individwali. Kien proprju, ghalhekk, li l-ilmentatur hass li l-investiment li kien gie offrut lilu ma kienx wiehed riskjuz.

Fil-fatt, hu stqarr li:

*"Hi semmietli li qatt ma kien hemm xi high risk, u qaltli li, bl-imghax li kienet ser taghti – u anke jien hekk hsibt – ta' 5.25%, ma jidhirx li kien hemm riskju kbir."*[26]

L-ilmentatur tenna ukoll:

*"Jien meta staqsejt kienx hemm riskju, qaltli li dejjem ikun hemm riskju ghax anke jekk taghmel il-flus il-bank, il-bank jista' jfalli."*[27]

Certament li ma jistax ir-riskju li jgib mieghu *bond portfolio* li jikkonsisti f'*bonds* sottostanti li huma kollha *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva, jigi mqabbel ma' riskju ta' falliment bankarju meta wiehed jiddepozita flusu l-bank. Dan partikolarment, meta l-investiment b'dawn it-tip ta' *bonds* sottostanti kien qed jigi mibjugh lill-klijent minghajr l-ebda esperjenza f'dan il-qasam, li zar il-fergha tal-provditur tas-servizz biex sempliciment jircievi ftit imghax oghla minn dak offrut mill-bank fuq ammont ta' flus li hu kellu mfaddal.

Fuq kollox, zgur li l-ilmentatur ma kellu qatt jigi kklassifikat bhala *High Risk* sempliciment ghaliex fil-gudizzju soggettiv taghha ir-rapprezentanta dehrilha li kien jiflah ghal riskju gholi meta ma kellha l-ebda evidenza konkreta li l-klijent seta' jigi kkategorizzat *high risk*.

Fil-fatt, anke fix-xhieda taghha quddiem l-Arbitru ma tatx spjegazzjoni cara ghalfejn ikkategorizzatu b'dan il-mod. L-unika raguni li tat kienet ghaliex ghaliex kellu l-flus f'idejh u, ghalhekk, felah jirriskja.

Ghalhekk, il-provditur tas-servizz naqas mid-dmir tieghu li jagixxi fl-ahjar interess tal-investitur, dan hekk kif kien obbligat li jaghmel skont *Investment Services Rules for Investment Services Providers*[28] mahruga mill-*MFSA* kif ukoll id-Direttiva *MiFID*, partikolarment skont regolament li jghid:

[26] *A fol.* 64
[27] *A fol.* 65
[28] *ISR – Part B1: Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders which qualify as MIFID firms*

*"When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements ..."*[29]

Taht l-istess *Standard Licence Conditions*, meta provditur tas-servizz ikun qed jaghti parir finanzjarju, huwa obbligat li jikseb taghrif necessarju minghand klijenti prospettivi biex ikun jista' jifhem fatti essenzjali dwar il-klijent u jkollu bazi ragjonevoli biex jemmen – wara li jiehu konoxxenza tan-natura u t-tip ta' servizz provdut – li t-tranzazzjoni specifika li qed tigi rrakkomandata, tissodisfa dawn il-kriterji:

- li tilhaq l-oggettiv tal-investiment tal-klijent;
- li hija tali li l-klijent ikun finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment konsistenti mal-oggettiv tal-investiment tieghu; u
- li hija tali li l-klijent ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjoni.

Huwa car li l-objettiv tal-ilmentatur kien biss li jzid id-dhul tieghu. L-ilmentatur kien irtira mill-pulizija u, ghalkemm kien jaghmel xoghol *part-time,* kien bil-pensjoni tal-pulizija, u, ghalhekk, avvicina lill-provditur tas-servizz ghall-ghajnuna sabiex jinvesti xi flus li hu kellu mgemmghin sabiex jiehu xi ftit imghax ahjar minn dak offrut mill-bank u jkollu xi haga zejda mal-pensjoni.

Dan juri li mhux minnu li ried jirriskja flusu f'dik l-età u li ried investiment ***high risk.*** **Ghalhekk l-objettiv tieghu ghall-investiment ma ntlahaqx** u l-ewwel rekwizit tas-*suitability test* ma giex sodisfatt.

Dwar it-tieni rekwizit tal-gharfien u l-esperjenza, m'hemmx dubju li l-ilmentatur ma kellux dak necessarju f'dan ir-rigward sabiex jifhem ir-riskju tat-tranzazzjoni.

Fil-fatt, a bazi tal-*Client Fact Find*, l-ilmentatur wasal biss sal-livell t'edukazzjoni sekondarja, u kien fil-pulizija. Barra minn hekk, kuntrarjament ghal dak li hemm fl-istess *Client Fact Find* u, kif digà ntqal u gie spjegat aktar kmieni, **l-ilmentatur ma kellu l-ebda esperjenza fl-investimenti tal-ebda tip, lanqas sempliciment**

---

[29] *ISR – Part B1 Rule 2.01*

**f'*bonds* lokali u, allura, l-investiment li kien ser jaghmel mal-provditur tas-servizz kien l-ewwel esperjenza tieghu f'dan il-qasam.** Zgur, li din in-nuqqas t'esperjenza ma setghetx tghinu jikseb l-gharfien li hu kellu bzonn sabiex jifhem dak li gie offrut lilu, partikolarment, ir-riskji abbinati mal-istess investiment.

Huwa evidenti li minhabba n-nuqqas ta' esperjenza li hu kellu, talab il-parir tar-rapprezentanta tal-provditur tas-servizz u kontinwament agixxa fuq dak li ntqal u gie suggerit lilu. L-istess gara meta l-ilmentatur ircieva imghax inqas u meta staqsa lill-istess rapprezentanta dwar x'qed jigri, hi qaltlu li *"... kien hemm xi daqsxejn inkwiet fuq dik il-kumpanija u qaltli biex nistennew ftit."*[30] Kien wara dan l-episodju li l-ilmentatur beda jaghmel xi tfittxijiet fuq l-*internet* u sab l-informazzjoni dwar ir-ristrutturar li l-kumpanija *Scholz* kienet ghaddejja minnu.

Il-*Client Fact Find* jindika li l-ilmentatur kellu depoziti bankarji li kienu jammontaw ghal €50,000, fatt li, similarjament ghall-investimenti precedenti, l-ilmentatur cahad. Mill-analizi ta' dan il-kaz, ma rrizulta minn imkien l-ammonti ta' depoziti bankarji li l-ilmentatur inghad li kellu qabel dan l-investiment.

L-istess *Client Fact Find* lanqas jindika d-dhul annwali li l-ilmentatur kellu izda fix-xhieda tieghu, hu tenna li qieghed jghix bil-pensjoni tal-pulizija u bi ftit dhul li ghandu minn xoghol *part-time*. Dan ifisser li minkejja li l-ammont investit mhuwiex wiehed sostanzjali, persuna li ghazel li jinvesti s-somma zghira li hu kellu mfaddla, zgur li kull telf li kien ser jigi sostnut kien ser jinhass.

Minn dan kollu huwa car illi kieku sar *suitability assessment* adegwat mill-provditur tas-servizz, kien jirrizulta li l-ilmentatur ma kienx jissodisfa t-tliet kriterji rekwiziti meta inghata parir ta' investiment fit-totalità taghhom u, ghaldaqstant, gie konkluz li l-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment ma kellux jigi offrut u mibjugh lilu.

**Ghar-ragunijiet kollha 'l fuq moghtija, l-Arbitru jikkonkludi li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust, u ragonevoli u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Kumpens**

[30] *A fol.* 65

L-ammont investit fil-*BP 180* (eventwalment *BP 180.1* u *Scholz*) kien jammonta ghal €5,000. Skont il-*Gain/Loss Analysis*, li ma giet fl-ebda hin ikkontestata mill-ilmentatur, hu rcieva total ta' €685.95 f'kupuni. L-istess dokument jindika li l-ilmentatur ircieva ukoll s-somma ta' €17.10.

Ghaldaqstant, meta s-somma ricevuta mill-ilmentatur tigi mnaqqsa mill-kapital originarjament investit, l-ilmentatur huwa intitolat ghal kumpens ta' **€4,296.95.**[31]

Il-*Gain/Loss Analysis* tindika ukoll li mill-*bond Scholz*, l-ilmentatur ircieva s-somma ta' €203.70.[32]

Minkejja dan, fl-ilment tieghu, l-ilmentatur tenna li c-cekk li jirrapprezenta dan l-ammont u li hu kien ircieva minghand il-provditur tas-servizz ma giex accettat u, ghalhekk, gie irritornat lura lill-istess provditur permezz ta' ittra datata 17 ta' Marzu 2017.[33]

Izda, tul is-smigh ta' dan il-kaz intqal ukoll li:

*"Il-provditur tas-servizz qed jinforma lill-ilmentatur li huma lesti li jaghtuh ic-cekk ta' €203.70, li kienu digà baghtuh u gie rritornat u jaqblu illi jekk l-ilmentatur jiehu dan ic-cekk, dan ma jkunx ta' pregudizzju ghall-ilment li ghamel quddiem l-Arbitru."*[34]

Izda l-Arbitru m'ghandux informazzjoni jekk, eventwalment, dan ic-cekk regax inghata lura lill-ilmentatur u jekk sarrfux.

**Ghaldaqstant, f'kaz li l-ilmentatur kien ircieva dan ic-cekk ta' €203.70, dan l-ammont ghandu jigi mnaqqas mis-somma ta' €4,296.95.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Crystal Finance Investments Ltd.* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' €4,296.95, u f'kaz li l-ilmentatur kien ircieva c-cekk 'il fuq imsemmi ghall-valur ta' €203.70, dawn iridu jitnaqqsu minn din is-somma.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

---

[31] €5,000 - €685.95 - €17.10 = €4,296.95
[32] *A fol.* 21
[33] *A fol. 20*
[34] *A fol.* 171

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**